**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 775/97

Lora Ellul

vs

Kummissarju tat-Taxxi Interni u Dipartiment tat-Taxxi Interni

Illum 20 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrentI wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990 hija sofriet ingustizzja f'li ma nghatatx promozzjoni ngustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Hija kienet giet mpjegata mad-Dipartiment imsemmi fl-1980. Hija dejjem ghamlet xoghol klerikali u fil-fatt fl-1981 hija kienet giet promossa ghal grad ta' stamper. Fl-1990 kienet harget applikazzjoni ghal grad ta' Grupp D Female Supervisor u hija peress li kienet ilha taghmel ix-xoghol ta' supervisor ghal madwar 5 snin, applikat u resqet ghal interview. Meta harget il-promozzjoni giet maqbuza minn Josephine Gatt. Qalet hekk minhabba l-fatt li din kienet giet trasferita mill-Airport u ma kelliex l-esperjenza li kella hi. Meta rat il-marki dawn kienu jindikaw li hija gabet 69 marka u Josephine Gatt gabet 73. Ghaldaqstant ikkonkludit li din l-ingustizzja saret maghha b'mottiv politiku peress li hija attiva ma' partit politiku.

Illi hija kien bi hsiebha iggib biex isostni l-ilment tagha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsieba ggib prova dwarhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata dak kollu li tilfet jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li eccepixxa:

Illi l-post ta' "supervisor" in kwistjoni intela fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara li saret selezzjoni skond ir-regolamenti ta' l-istess Kummissjoni u l-ilment huwa ghalhekk inammissibli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-att VIII ta' l-1997 sakemm ir-rikorrent ma tippruvax illi hija kienet ghamlet petizzjoni dwar il-hatra jew promozzjoni in kwistjoni fit-termini tal-paragrafu 1.1.7. ta' l-ESTACODE.

Illi bla pregudizzju ghas-suespsot u fil-mertu ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent stante li l-hatra ta' persuna l-aktar kompetenti ghall-post saret fuq kriterji oggettivi bazati fuq abbilta ghat-tmexxija u zamma ta' dixxiplina, efficjenza u idonjeta personalita' livell ta' edukazzjoni kif ukoll is-snin ta' esperjenza.

Ghaldaqstant l-intimat talab li fl-ewwel lok jiddikjara t-talbiet tar-rikorrenti bhala inammissibbli u subordinatament u minghajr pregudizzju jichad it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn ikkonfermat l-kontenut tar-rikors ipprezentat minnha. Semmiet li kienet ila tahdem hames snin fid-Dipartiment bhala 'stamper'. F'daqqa wahda giet mill-Airport Josephine Gatt u ghamluha 'supervisor' meta hija ma kinitx taf ix-xoghol tad-Dipartiment u lanqas kellha nies tahtha. Ir-rikorrenti sostniet li dejjem ghamlet xoghla tajjeb. Ziedet tghid: "Naf li Josephine Gatt kellha hafna jimbuttawha u ghalhekk lehqet. Wara li hija saret supervisor qatt ma ghamlet xoghol ta' supervisor u qatt ma kellha nies tahtha…Naf li l-UHM ghamlu pressjoni biex Josephine Gatt tinghata l-promozzjoni, allavolja jiena kelli esperjenza tax-xoghol sitt snin aktar minnha."

In kontro-ezami r-rikorrenti semmiet li kienet dahhlet mal-Gvern bhala Charwoman fl-1980 u f'Dicembru 1981 saret stamper ghalkemm minn l-ewwel kienet taghmel dan ix-xoghol. Qalet li ma tistax tghid x'esperjenza kella Josephine Gatt. Semmiet li hadet il-post Gatt minhabba li hadet tlitt punti aktar minna bhala esperjenza meta fil-fatt hi ma kinitx taghmel dak ix-xoghol u r-rikorrenti kella hames snin esperjenza fih.

Saret talba biex d-deposizzjonijiet moghtija fir-rikorsi 289 – 293 jiffurmaw parti minn dawn l-atti. Minnhom jirrizulta li:

Joseph Farrugia xehed u kkonferma li x-xoghol tieghu kien bhala Stamper Group C. Sostna li meta harget l-applikazzjoni ghal certu Josephine Gatt din ma kenitx taghmel ix-xoghol taghhom ezattament izda kellha x' taqsam mal-Posta. Kienet lahqet Supervisor din Josephine Gatt pero` aktar tard l-Ministru Bonello

Du Puis hareg call for applications. L-applikazzjonjiet kienu call for applications minn Group C ghal Group D. Semma wkoll li tlahhqu Polidano u Mifsud minnflokhom ghaliex dawn intabaghatu fid-Dipartiment tal-Lottu meta huma ma ntbaghatux. Sostna li ma kienux jafu bil-call for applications ghax ma nfurmahom hadd. Semma wkoll li Salvu Bonnici nghata l-promozzjoni ghal Group D u dan ukoll minghajr call for applications. Zied li skond l-Estacode Appendix 8 page 40 Section 1 l-istampers Group C ghandhom ikunu jahdmu fid-Dipartiment tal-Lottu.

Xehed Anthony Fava Chief Salaries Officer fit-Tezor li semma li s-stampers dak iz-zmien kienu fi Grupp C. Huma gew assimilati fi Grupp numru 3 izda l-grupp numru 3 jitla' minn 18 ghall-17. Bir-riforma stamper ikun fi grupp 3, u fi skala 18/17.

Hu esebixxa l-Personal Record Sheet ta' Josephine Gatt kif ukoll il-progression tal-paga taghha. Zied li mir-records tidher bhala female security frisker kif jidher min Dok AF2. Dan id-dokument Dok AF2 dejjem ikun fid-dipartiment fejn ikun hemm l-individwu, jigifieri fil-kaz ta' Josephine Gatt fid-dipartiment tat-Taxxi Interni.

Joe Smith rapprezentant tal-Kummissajru tat-Taxxi Interni ikkonferma bil-gurament ir-risposta tad-Dipartiment. Xehed li Josephine Gatt li kienet saret supervisor din ghadha taghmel l-istess (ta' qabel ma saret Supervisor) xoghol pero b'zieda ta'

xoghol fuq il-kompjuter. Josephine Gatt illum il-gurnata qieghedha b' paga ta' scale 14.

Hu esebixxa Dok JS2 li hija risposta tad-dipartiment ghalfejn kienet harget post of supervisor female kif ukoll esebixxa Dok JS3 li hija l-'go ahead' mil-P.S.C. biex l-application tohrog "post of supervisor female." (Fid-Dokument JS2 hemm dan il-kliem; "About fifteen female minor staff are working in the Inland Revenue Department. It is felt that a female Supervisor would carry out certain duties better than a male Supervisor. The Department already has a number of male personnel who perform supervisory duties of Minor Staff", u ffirmata V. Galea bhala Acting Commissioner of Inland Revenue.)

Semma li dak iz-zmien li giet appointed Josephine Gatt bhala supervisor, il-15-il persuna li kienu tahtha kienu cleaners u charwomen, kif ukoll stampers u telephone operators. Qabel ma kellhomx supervisor fuqhom. Josephine Gatt qatt ma ghamlet xoghol ta' supervisor. Dan minhabba l-fatt li wara r-riforma li kien hemm fid-Dipartiment dawn in-nies li suppost kienu se jkunu tahtha dawn il-15-il persuna spiccaw f'postijiet differenti. Meta harget il-call for application kien intenzjonat li s-supervisor se tkun ukoll supervisor fuq l-stampers. Anki l-istampers li huma rgiel."

Semma li Josephine Gatt kienet marret mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni mill-Airport peress li hemmhekk kienet Security Frisker. Marret fl-1986 bhala Stamper, mhux fil-grad ta' Stamper imma kienet taghmel ix-xoghol ta' Stamper. Meta kienet qabel l-Airport

Security Frisker dak jaqa' taht l-istess Scale bhal Stamper. Dak iz-zmien kienu jsejhulu Scale C.

Dwar Vince Polidano u Carmelo Mifsud xehed li dawn kienu marru on loan mad-dipartiment mid-Dipartiment tal-Lotterija u xi xhur qabel ir-riforma ta' l-1991 kienu regghu marru lura l-Lotterija. Dawn it-tnejn Polidano u Mifsud meta mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni kienu taht Skala C u jaghmlu xoghol ta' Stamper. Meta telqu lura baqghu taht Skala C.

Vince Piccinino xehed dwar kif Salvu Bonnici kien lahaq Office Machine Operator 2 u sab huwa lahaq dan il-grad permezz ta' direct recommendation mill-Public Service Commission u din ir-recommendation saret fin-1988. Ir-recommendation saret lill-PSC mill-Commissioner of Inland Revenue ghar-raguni li dan Salvu Bonnici flimkien ma' persuna ohra kienu ilhom stampers minn 1950 u kienu l-unici zewg persuni li kienu ghadhom fil-grad ta' Office Machine Operator 1 u mhux 2.  Il-persuna l-ohra flimkien ma Salvu Bonnici kien Arthur Wirth.  Dan Wirth ukoll gie mahtur permezz ta' direct recommendation.

Mario Borg xehed li meta Josephine Gatt marret mis-Civil Aviation ghad-Dipartiment tat-Taxxi Interni kienet tahdem l-istess tip ta' xoghol li kienu jaghmlu huma.  Wara li saret Supervisor baqghet taghmel dan l-istess ta' xoghol li kienu jaghmlu huma u ghada sal-lum il-gurnata ma taghmilx ix-xoghol ta' Supervisor.

**Konkluzjonijiet:**

Illi peress li r-rikorrenti ghamlet referenza ghax-xhieda ta' rikorsi ohra li fil-fehma taghha huma konnessi, t-Tribunal sejjer jirriproduci l-konkluzzjonijiet fil-kaz ta' Joseph Farrugia vs Dipartiment tat-Taxxi Interni Rikors 293 ghax wara sejjer jikkummenta dwar dan:

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti. L-ewwel wiehed huwa dak tas-sejha 71/90 waqt li t-tieni wiehed huwa li persuni ohra li kienu jahdmu bhar-rikorrent gew trasferiti f' dipartiment iehor u sussegwentement inghataw promozzjoni.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment dan hu bazat fuq il-mod kif harget l-OPM Circular 71/90, "Post of Supervisor (Female) in the Inland Revenue Department, Group D". Mill-istess dokument esebit jirrizulta car li l-applikazzjonijiet kienu miftuha ghal dak imsemmi fl-ewwel paragrafu "Female Government employees who wish to be considered for the appointment to the post of Female Supervisor …"

Issa rrizulta car li t-tip ta' xoghol li ried jigi attwat ma kienx xi xoghol li jinnecessita li dan isir minn mara ad eskluzjoni ta' ragel. It-Tribunal jikkondividi perfettament l-insenjament tal-kawza fl-ismijiet Victoria Cassar kontra l-Awtorita` Marittima ta' Malta et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001, u Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April, 1995. Bazat fuq l-artikoli 14 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3, 8, u 14

tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Kap 319], hu essenzjali li jkun hemm l-ugwaljanza u l-parita` tas-sessi ghal kull impjieg. Dan naturalment jista' jkollu l-eccezzjoni tieghu meta jkun hemm impiegi li minn natura essenzjali taghhom jirrikjedu bilfors li l-applikant irid ikun mara jew ragel. It-Tribunal jifhem li postijiet bhal Security Frisker kif kienet precedentement Josephine Gatt jirrikjedu li biex taghmel Security Frisking fuq nisa u tfajliet kemm mill-aspett morali kif ukoll socjali jinnecessitaw li persuna tkun mara izda ma jarax kif ghall-post ta' Supervisor bhal dak riferut ghalih fl-ilment dan jirrikjedi bilfors li kellha tkun mara specjalment meta l-impjegati ta' taht l-istess supervisor setghu jkunu rgiel.

Ghalhekk jirrizulta car li meta harget l-applikazzjoni, il-mod kif harget din ingustament laqtet lir-rikorrenti. Certament ir-rikorrenti bata l-konsegwenza ta' tali decizjoni ghax ma setax jilhaq Supervisor. Izda t-Tribunal huwa ffaccjat bil-problema li jekk ir-rikorrent kienx adegwat ghallpost imsemmi minhabba li m' ghandux informazzjoni necessarja u skeda komparattiva ta' snin ta' servizz, kwalifiki u kwalitajiet ohra kemm tar-rikorrenti, tal-persuna appuntata kif ukoll ta' possibbli applikanti ohra. Jinghad li barra mir-rikorrenti li l-kaz tieghu qieghed jigi ezaminat kien hemm ukoll persuni ohra li xtaqu wkoll japplikaw ghall-dan il-post izda li minhabba l-istess cirkostanzi li bata minnhom l-istess rikorrenti sofrew ukoll minnhom dawn il-persuni l-ohra. Illi ghalhekk ghalkemm jirrizulta li saret ingustizzja fil-konfront

tar-rikorrent u dan bil-mod kif definita fl-Att VIII tal-1997 fl-istess hin ir-rikorrent ma jistax b' certezza jghid li kien hu li kien sejjer jilhaq f' dik il-kariga. Zgur hu, li ma setghux jilhqu dawk kollha li kienu interessati f' dan il-post. It-Tribunal ma jistax f' dan il-kaz jasal li jirrikmanda l-promozzjoni ghall-post ta' supervisor ghax la ghandu u anqas jista' jkollu provi konkluzivi li kien ikun ir-rikorrent li kien haqqu tali promozzjoni ad eskluzjoni ta' nies fl-istess kategorija tieghu. Ghalhekk filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat jiddikjara li jista' jasal biss ghal kumpens finanzjarju fuq dan l-aspett.

Dwar it-tieni aspett tal-ilment jinghad li d-dipartiment l-iehor riferut huwa d-Dipartiment tal-Lottu ossija kif riferut Lotteriji izda minn ezami ta' min hu intimat f' din il-kawza jirrizulta car li d-Direttur ta' dan id-dipartiment ma giex imharrek u li ghalhekk li kieku stess ipotetikament kellu jinsab xi gustifikazzjoni fl-ilment tar-rikorrent xorta wahda dan ma jistax jigi attwat ghax l-istess Direttur tal-Lottu mhux parti fil-kawza. Ghalhekk huwa inutli li jsir ezami tal-istess mit-Tribunal. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni moghtija fl-ahhar paragrafu tar-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li hu ma jistax jigi tenut jirrispondi ghal dak li jkun gara f' dipartimenti ohra."

Issa jidher car li dak li t-Tribunal qal fl-ewwel parti tal-konkluzzjonijiet f'dak il-kaz ma japplikax ghal kaz prezenti. Ic-cirkolari mahruga mill-PSC f'dak il-kaz kienet manifestament kontra l-Kostituzzjoni ghax ma stmatx s-sessi ugwalment f'materja

fejn ma kiex hemm ghalfejn tohloq differenzi. Kien propju ghalhekk li l-ilment ta' dawk ir-rikorrenti kien milqugh in parti b'rimedju ta' kumpens. Izda fil-kaz tar-rikorrenti odjerna dan ma japplikax ghax hi ma gietx diskriminata, thallit tapplika, ghamlet l-interview u ma gabitx marki daqs Gatt. Ghalhekk taht dan l-aspett l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi accettat.

Bl-istess mod li t-tieni aspett hawn fuq ma giex accettat, dan ma jistax jigi accettat f'dan il-kaz.

Jibqa' li wiehed jara jekk l-ilment tar-rikorrenti jistax jigi milqugh taht l-aspett li kien hi li haqqa hadet l-appointment u mhux Gatt. Sfortunatament ir-rikorrenti ma tant ghamlet provi fuq dan l-aspett. Fir-rikors taghha semmiet li hi gabet 69 u Gatt 73 u sostnit li dan minhabba ragunijiet politici. L-intimat eccepixxa li l-hatra tal-persuna l-aktar kompetenti saret fuq kriterji oggettivi bazati fuq abbilta' ta' tmexxija u zamma ta' dixxiplina, efficjenza u idonjeta', personalita', livell ta' edukazzjoni kif ukoll snin ta' esperjenza.

Dan il-kompitu tat-Tribunal gja hu difficli meta l-partijiet iressqu l-provi kollha, ahseb u ara meta l-partijiet ma tantx jaghmlu dan bhal fil-kaz prezenti. L-unika prova li gabet ir-rikorrenti kienet li hi kienet ilha ferm aktar fid-Dipartiment minn Gatt u ghalhekk kien aktar jisthoqq lilha. Izda dan certament mhux il-grad ta' prova rikjest mill-ligi biex twassal ghall-konvinciment li saret ingustizzja. Ma gietx esibita kopja ufficjali tal-marki ottenuti u lanqas kemm marki f' kull aspett. Lanqas kemm gew allokati marki ghal kull suggett. Lanqas ma gie prodott xi personal file

dwar ir-rikorrenti u Gatt biex wiehed jara jekk kienx hemm xi rapporti negattivi fuq xi hadd minnhom.  Lanqas ma saru provi fuq meta Gatt dahlet tahdem. Dan certament mhux il-livell ta’ provi li jistenna t-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.